Mela r-rimedju għandu jkun ix-xogħol — biss tkun ħidma fejn id-direttur, is-segretarju, l-amministratur, ir-raġel tas-sengħa u l-fattiga jkun wieħed: jien innifsi.

Ħadt in-nifs, tajjart iċ-ċlampu u l-pass raġa' ħaff u wiċċi rtafa'; issa ma niddejjaqx iżjed għax sa nieqaf mill-impieg, minn fuq xtaqt li t-tliet snin li kien jonqosni għall-pensjoni jfittxu jgħaddu biex nista' nħaddem dak li kelli f'moħħi. Ridt anzi nibda nhejji t-triq. Mela intom li dalwaqt jiġrilkom bħali, taqtgħux qalbkom, imtlew bit-tama u ngħannu ma' Browning (jekk jaħfirli li kliemu ma ktibtux sewwa):

"Nixtieq miegħek nixjieħ!
Ġej issa ż-żmien sabiħ
Tmiem il-ħajja, li l-bidu sar għalih:
Minn id Alla tnissilna,
Ħajja sħiħa nisġilna,
Nofs iż-żgħir jara, tibżax, afda Fih!"

Minn "Rabbi Ben Eżra"

Biss, "Tgħidx tiegħi l-ħlewwa qabel ma tkun ġewwa". Il-ġisem għajjien bix-xogħol u mħeddel bit-toqol ta' responsabiltà u ssikkat b'dik ir-regħba li għandna li nagħmlu kollox perfett u naqdu lil kulħadd, għal din il-ħabta jħobb ikewtel u aktarx ikun jinħtieġ is-sikkina. Salamun igħallimna "Ibni, tirruftax meta l-Mulej jikkoreġik u teħux għaxwa meta jikkastigak." Jekk ma tkunx xi tferfira tal-qalb, xi trombosi li tħallik xi xahar wiċċek 'il fuq, tkun ftuq, appendiċite jew l-idrocele li tant bata biha Edward Gibbon, l-istoriku famuż, imma ftit ħabib ta' l-insara li kiteb "The decline and fall of the Roman Empire." Ikollok xorti jekk teħlisha mill-prostata, il-marda tal-kbarat.

Il-Mulej ħalaq it-tabib, la titbiegħdu minnu għax ix-xogħol tiegħu hu meħtieġ. Agħti qima lit-tabib għal ħtieġa li tinħtieġu, għax ħalqu l-aktar Għoli. Għax kull fejqan hu minn Alla. Hu ħalaq il-mediċini mill-art u l-għaref ma jistmerrhomx. Il-qawwa ta' dawn il-ħwejjeġ waslet fil-fehma tal-bnedmin u l-aktar Għoli ta t-tagħrif lill-bnedmin biex ikun meqjum fl-egħġubijiet tiegħu; hekk igħidilna l-Ekkleżjastiku. Mela bil-fiduċja kollha erħi ruħek f'idejn il-kirurgu u s-servjenti bi sħabhom.

Fl-isptar tara kemm int sensibbli għall-uġigħ aktar mill-ħaddiema ta' l-idejn u l-bdiewa u tħoss kemm hi opra tal-ħniena, "Żur il-morda." X'nifs qawwi tieħu meta ħutek u wliedek jiġu jżuruk kważi kuljum, meta int kont qabel taħseb li qegħdin kull ma jmur iġennbuk u jxejnuk. U x'ma jagħmlux jekk il-marda tagħfas biex jerġgħu jnisslu fik it-tama tal-fejqan u r-rieda li tibqa' tgħix. Kemm issibhom anġli s-sorijiet, is-servjenti, u l-morda madwarek kemm



ifarrġuk u jieħdu ħsiebek! Hemm tagħraf il-ftit ħbieb fidili li jiġu bla ebda interess iżuruk, u kemm tħossok kburi meta d-direttur ta' l-uffiċċju, li minn għalik lilek kemm kemm iqisek, jiġi jarak!

Il-burraxka tgħaddi u jarġa' moħħok fuq dik id-deċiżjoni li kont ħadt. Rajt li x-xogħol, ftit kemm hu ftit, għalik jinħtieġ bħall-ħobż. Jekk inħarsu lejn in-natura, igħid Cesare Correnti, hi xħiħa u mejta għall-għażżien, ferħana u għammiela għall-ħabrieki. Li tkun imxabba' minn kollox, li xejn ma jferrħek, li tkun "bored" hu ħtija u kastig tal-għażż. Kellhom raġun ix-xjuħ igħallmu li l-għażż hu missier il-vizzji. Ħadd m'hu meħlus mis-sentenza li Alla ikkundanna lill-bniedem biex issalvah mill-agħar ġibdiet tiegħu u tqawwilu l-aħjar xejriet. Ix-xogħol hu mediċina, hu talba ħajja, hu penitenza li tiswa wisq. Bil-ħidma nieħdu sehem fil-ħolqien armonjuż tad-dinja.

(*Jissokta*)

---

# IRĊEVEJNA

18/12 Triq id-Dejqa,
Il-Belt.
22 ta' Marzu, 1968.

Lill-Editur
ta' "IL-MALTI",
34/14 Triq id-Dejqa,
Il-Belt.

Fi "IL-MALTI" ta' Diċembru 1967 is-sur E. Serracino Inglott ta t-tifsiriet tal-kelma "qalfat", meħudin minn "IL-MIKLEM" tiegħu. Sa fejn naf jien, minbarra dawk it-tifsiriet hemm oħrajn, u dawn huma:

(1) Sammar u ċċattja t-truf tal-pjanċi tal-ħadid (imrikkbin waħda fuq l-oħra) ta' vapur, eċċ., u rbatta l-imsiemer (rivets) tagħhom tajjeb li ma jkunx jista' jidħol ilma minn bejniethom.

(2) Ħadem kif ġie ġie/bla kont/ċallas ballas/ħaxlef ħaxlef/addoċċ/mħanżer; gerfex, ħanżer, bażwar, ħaxlef, ħarbex, ċallas, ċappas, għamel xogħol ta' kafkaf.

(3) qaċċat/tafa'/qala'/qabbeż/waddab 'il barra. Xewlaħ, lewwet.

Il-kelma 'lewt' ma tidher fl-ebda dizzjunarju, iżda insibu 'LEWWET' illi t-tifsira ewlenija tagħha hi "ħammeġ/bit-tajn/bil-ħama". Iżda xi kittieba żiedu jagħtuha t-tifsira ta' keċċa 'l barra wkoll.

Għoddni b'qaddej tiegħek,
M. AGIUS.